**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Marzu 2017 – Hitachi Chemical Europe GmbH, Polynt SpA vs New Japan Chemical, REACh ChemAdvice GmbH, Sitre Srl, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-324/15 P)** [1]

***(Appell — Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Regolament REACH) — Artikolu 57(f) — Awtorizzazzjoni — Sustanzi ta' tħassib serju ħafna — Identifikazzjoni — Livell ta' tħassib ekwivalenti — Hexahydromethylphthalic anhydride, hexahydro-4-methylphthalic anhydride, hexahydro-1-methylphthalic anhydride u hexahydro-3-methylphthalic anhydride)***

(2017/C 151/07)

*Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Hitachi Chemical Europe GmbH, Polynt SpA (rappreżentanti: C. Mereu u M. Grunchard, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* New Japan Chemical (rappreżentanti: C. Mereu u M. Grunchard, avukati), REACh ChemAdvice GmbH, (rappreżentanti: C. Mereu u M. Grunchard, avukati), Sitre Srl (rappreżentanti: C. Mereu u M. Grunchard, avukati), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: M. Heikkilä, C. Buchanan, W. Broere, u T. Zbihlej, aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukat), ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C. Schillemans u M. Bulterman, aġenti), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Kukovec u K. Mifsud-Bonnici, aġenti)

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Hitachi Chemical Europe GmbH u Polynt SpA għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk esposti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA).*

3) *Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

4) *New Japan Chemical u REACh ChemAdvice GmbH għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

[1] ĠU C 311, 21.9.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Marzu 2017 – Stichting Woonlinie, Woningstichting Volksbelang, Stichting Woonstede vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tal-Belġju, Vereniging van Institutionele Beleggers in Vastgoed, Nederland (IVBN)**

**(Kawża C-414/15 P)** [1]

***(Appell — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna eżistenti — Artikolu 108(1) TFUE — Skemi ta' għajnuna favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikoli 17, 18 u 19 — Evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-kompatibbiltà ta' skema ta' għajnuna eżistenti mas-suq intern — Proposta ta' miżuri utli — Impenji meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni — Deċiżjoni ta' kompatibbiltà — Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju — Effetti legali)***

(2017/C 151/08)

*Lingwa tal-proċedura: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Stichting Woonlinie, Woningstichting Volksbelang, Stichting Woonstede (rappreżentanti: L. Hancher, E. Besselink u P. Glazener, advocaten)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Noë u P.J. Loewenthal, aġenti), Ir-Renju tal-Belġju, Vereniging van Institutionele Beleggers in Vastgoed, Nederland (IVBN) (rappreżentant: M. Meulenbelt, advocaat)

**Dispożittiv**

1) *Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 2015, Stichting Woonlinie et vs Il-Kummissjoni (T-202/10 RENV, mhux ippubblikat, EU:T:2015:287), huwa annullat.*

2) *Il-kawża hija rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.*

3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

(1) ĠU C 337, 12.10.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Marzu 2017 – Stichting Woonpunt, Woningstichting Haag Wonen, Stichting Woonbedrijf SWS.Hhvl vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tal-Belġju, Vereniging van Institutionele Beleggers in Vastgoed, Nederland (IVBN)**

**(Kawża C-415/15 P)** (1)

***(Appell — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna eżistenti — Artikolu 108(1) TFUE — Skemi ta' għajnuna favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikoli 17, 18 u 19 — Evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-kompatibbiltà ta' skema ta' għajnuna eżistenti mas-suq intern — Proposta ta' miżuri utli — Impenji meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni — Deċiżjoni ta' kompatibbiltà — Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju — Effetti legali)***

(2017/C 151/09)

*Lingwa tal-proċedura: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Stichting Woonpunt, Woningstichting Haag Wonen, Stichting Woonbedrijf SWS.Hhvl (rappreżentanti: L. Hancher, E. Besselink u P. Glazener, advocaten)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Noë u P.J. Loewenthal, aġenti), Ir-Renju tal-Belġju, Vereniging van Institutionele Beleggers in Vastgoed, Nederland (IVBN) (rappreżentant: M. Meulenbelt, advocaat)

**Dispożittiv**

1) *Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 2015, Stichting Woonpunt et vs Il-Kummissjoni (T-203/10 RENV, mhux ippubblikat, EU:T:2015:286), huwa annullat.*

2) *Il-kawża hija rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.*

3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

(1) ĠU C 337, 12.10.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Marzu 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte suprema di cassazione – l-Italja) – Agenzia delle Entrate vs Marco Identi**

**(Kawża C-493/15)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Artikolu 4(3) TUE — Sitt Direttiva — Għajnuna mill-Istat — Proċedura ta' ħelsien mid-dejn ta' persuni fiżiċi fi stat ta' falliment (esdebitazione) — Nuqqas ta' eżiġibbiltà tad-dejn ta' VAT)***

(2017/C 151/10)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione